# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M.Grixti LL.M., LL.D

Appell Numru 447/2016

Il-Pulizija

Vs

Nadia Parascandolo

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellanta Nadia Parascandolo detentriċi tal-karta tal-identita numru 452673M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fis-16 ta' Ġunju 2016 fil-Gżejjer Maltin irrifjutat li tagħti aċċess lill-wild taħt il-kustodja tagħha lil Moqmen Abdu hekk kif ordnat mill-Qorti jew hekk kif marbut bil-kuntratt mingħajr raġuni xierqa.

Rat is-sentenza tal-4 t'Ottubru 2016 li biha sabet lill-appellanti ħatja tal-imputazzjoni dedotta kontra tagħha u kkundannatha għal ġimgħa detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Nadia Parascandolo fir-reġistru ta' din il-Qorti fis-7 t'Ottubru 2016 li fih talbet ir-revoka tas-sentenza appellata u l-liberazzjoni taghha minn kull htija u piena u fin-nuqqas li tinghata sentenza aktar ekwa u ġusta;

Rat l-aggravji tal-appellanta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanta esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellanta tillanja is-sentenza tal-ewwel Qorti bil-gravam singolari ta' apprezzament hazin tal-provi. Il-fatti ta' dan il-kaz jirrigwarda allegat nuqqas da parti tal-appellanta li tobdi l-ordni tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) li bih tat access lill-parte civile ghall-wild taghhom;

2. L-atti processwali juru digriet tal-Qorti appena msemmija u wara sentejn li kien ilu ma jara lil ibnu, il-kwerelant ried jara lill-ibnu u acceda ghand il-Pulizija biex jirraporta l-allegat nuqqas tal-imputata kif rifless fl-imputazzjoni odjerna. Dan id-digriet jipprovdi hekk: '*Tordna li għalissa l-aċċess iseħħ taħt superviżjoni fl-Agenzija Appoġġ darba fil-ġimgħa għal siegħa fil-jum u ħin li tistabilixxi l-Aġenzija Appoġġ.*' Kif inhu minnufih evidenti, sabiex l-imputata titqies li naqqset milli tobdi l-ordni tal-Qorti fit-termini tal-artikolu 338 (ll) tal-Kodici Kriminali kien jehtieg

li l-Agenzija Appogg tkun formalment stabbiliet data u hin tal-access igifieri li tkun avverat ruhha il-kundizzjoni rizoluttiva stipulata mill-Qorti. Dan izda ma jirrizultax li hu l-kaz bil-konsegwenza illi l-imputata ma setghetx titqies li kienet taht l-obbligu fuq indikat;

3. L-ewwel Qorti ghalhekk ma setghetx ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. L-appellanta ghalhekk ghandha ragun u l-appell qed ikun akkolt.

4. Konsegwentement qed thassar is-sentenza appellata, ma ssibx lill-appellanta hatja u tilliberha.